**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

**26 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025 fl-4:30 pm.

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

| | |
|---|---|
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Keith Galea - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 15 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **15.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **15.01.01** | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri t'apoloġiji tal-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u tal-kunsillier is-Sur Keith Galea. |
| **15.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 15.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 14/2025, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u ġew issekondati mill-kunsilliera is-Sa Joeline Attard. |
| **15.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 15.03.01 | Is-Sindku qara mozzjoni tal-kunsillier Malcom Gatt fejni l-votazzjoni ta' din il-mozzjoni fuq studju ta Caring Capacity kienet ta' tnejn assenti, tnejn kontra u wieħed favur. Għalhekk din il-mozzjoni ma ġietx approvata. |
| 15.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva imejl minn għand Sport Malta dwar il-European Week of Sport li issir bejn 23 u 30 ta' Settembru. Is-Sindku ser jibgħat imejl sabiex jara l-kunsill f'hiex jista jieħu sehem u x' jistgħu joffru Sport Malta. |
| 15.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li x-xogħol minn naħa tal-Water Services sar fejn inbiddlu il-katusi li kien hemm fi Triq iil-Miġja tal-Papa k/m Triq iż-Żewġ Mini u Triq il-Kunċizzjoni. Is-Sindku bagħat imejl għaliex wara li lestew ix-xogħol ma ħallewx l-indafa. |
| 15.03.04 | Is-Sindku kellu jibgħat tfakkira lil Perit Rodney Micallef għaliex wara li kull xita li tagħmel it-triq ta taħt il-każin tal-PN fi Triq San Pietru u San Pawl L-Isla il-kantini qed jerġgħu jimtlew bl-ilma. Il-Kuntrattur ma kienx informa lil kunsill li ġie jaħdem f'din it-triq. |
| 15.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li Project Green ser jiġu jagħmlu iż-żabrqa tas-siġar fi Triq il-Vitorja quddiem il-Knisja tal-Vitorja bejn l-1 u 3 ta' Lulju 2025. |
| 15.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li daħħal ilment minn għand il-familja Cassar li qed issibu ostaklu quddiem il-bieb tad-dar tagħhom fi Triq il-Vitorja għaliex jipparkjaw il-karrozzi u dawn ma jkunux jistgħu la jidħlu u lanqas joħroġu mir-residenza tagħhom. |

| | |
|---|---|
| 15.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill ġie infurmat b'imejl datata 23 ta' Ġunju 2025 dwar *Pilot Project – BCRS Van Service for Senior citizens over 60 years old and blue badge holders* li ser issir il-ġabra tal-fliexken tal-plastic mid-dipartiment tal-Cleansing fejn l-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali jistgħu iċċemplu fuq 1718 u jagħmlu appuntament sabiex il-kumpanija tiġi bil-van tagħhom u joħdulhom il-fliexken tal-plastic minn wara l-bieb u jagħtuhom l-irċevuta dak il-ħin għaliex il-van ser ikun mammar bil-magna tal-BCRS ġewwa fih. Il-Kunsill tal-Isla ma ġiex notifikat bil-laqgħa ta' kif ser taħdem din is-sitema. |
| 15.03.08 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fi żmien għaxart ijiem, il-kenniesa ma kienux qed jiknsu regolarment, u f'xi drabi kien hemm biss kennies wieħed fuq xogħol. Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv naqqset mill-pagament tax-xahar u bagħtet email bħala "default notice" lill-kumpanija Premier Ltd. Intbgħatet ukoll email oħra li fiha ġie nnutat li xi toroq li kienu skedati għall-knies ma sarux. Il-Contracts Manager mar jivverifika jekk ir-ritratti li ntbagħtu kienux veritieri, sabiex jiċċekkja jekk it-toroq imsemmija kienux verament miknusa. Irriżulta li x-xogħol ma kienx sar. Għal-purċissjoni tar-Redentur is-sindku ressaq is-suġġeriment tal-Viċi Sindku sabiex dik il-ġurnata jidħlu kenniesa apparti biex kif ikun hemm il-clearance tal-karozzi il-kennies jkunu jistgħu jikinsu fejn ikun hemm il-karrozzi ipparkjati. Il-Kunsilliera preżneti qablu unanimament li għandhom jidħlu kenniesa extra il-Ħadd mil-3pm sal-5pm. |
| 15.03.09 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li ser jibgħat il-minuti tal-laqgħa tar-Reġjun Port Nru 47 fuq imejl tal-kunsilliera kollha. |
| 15.03.10 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li saret korrispondenza dwar parkeġġ fi Triq Sant Anġlu L-Isla. Is-Sa. Cini qed tilmenta li l-kunsill iddeċida li jagħmel 15 mins parking bay fejn il-parking bay tad-diżabilita tagħħa u ma tkunx tista tiftaħ il-bieba tal-karrozza fejn qalet ukoll li l-karozzi jdumu ipparkjati għall aktar minn 15 il-minuta. Il-Parking Bay li hemm fi Triq Sant Anġlu li ġie deċiż mill-kunsill huwa approvat minn TM. |
| 15.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva proposta mill-artista Tereża Busuttil fejn għandha biċċa arti li qeda il-mużew marritimu u dawn qed jinfurmawha sabiex issib post ieħor għal din l-ari li hija Frejgatina u l-artista tixtieq li tati donazzjoni din l-arti tkun x'imkien prominenti fejn tista titgawda mil-pubbliku. Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li din l-opra t'arti tkun esibita fil-loaklita ta' L-Isla, il-kunsilliera preżenti qablu ma dan. |
| 15.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Kunsill irċieva imejl dwar Għaqal id-dar, Ħajja aħjar dawn is-sesjonijiet kienu jsiru fil-passat u ser jerġgħu issiru. Home Economics in Action qed jtolbu lil kunsill jekk għandhomx xi sala fejn jistgħu jiġu organizzatti dawn is-sessjonijiet f' dawn il-perjodi: Frar s'April, April sa Ġunju u Settembru sa Diċembru 2026. |

| | |
|---|---|
| 15.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flikien mas-segretarju eżekuttiv attendew għall-konferenza il-Birgu Forti Sant Anġlu sabiex jiġu imħabbra l-benefiċjarji tal-iskema Attivitajiet Kulturali Annwali fejn il-kunsill tal-Isla ser jorganizza Leħen il-Gardjola. Wara din il-konferenza s-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv ser jattendu għall-konferenza oħra għall żieda ta' ġurnata oħra fil-ġimgħa sabiex l-anzjani jkun jistgħu imorru għall-laqgħat u attivitajiet oħra nhar ta' Ħamis ukoll u b'hekk jiltaqgħu darbtejn fil-ġimgħa nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis. |
| 15.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva email mis-salesjani għall-permess sabiex jintuża l-ground mis-salesjani f' Lulju 2025 għal-YES CAMP. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar dan. |
| 15.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv il-kunsill tal-Isla ser jipparteċipa fi proġett OASIS Project proposal ma Dr. Mario Balzan u Dr. Sara Camilleri ta' Ecostack Innovations.Ser issir online meeting sabiex is-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv jiddiskutu fuq :<br>• vulnerabiltajiet lokali bħal dawk soċjo-demografiċi, relatati mas-saħħa pubblika, il-klima, l-infrastruttura u l-bini Qadim<br>• Liema proġetti ġew implimentati sa issa, u x'inhuma l-pjani għall-futur taż-żona?<br>• Il-bżonnijiet lokali tal-komunità<br>• Proposti dwar kif nistgħu jinvolvu diversi partijiet interessati – bħal residenti, negozji, NGOs u awtoritajiet lokali – sabiex ikunu parti mill-Urban Adabtation Hub UAH u jikkontribwixxu fl-iżvilupp tiegħu." |
| 15.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva imejl minn għand TM : Rota Committee fejn hemm skema dwar installazzjoni ta' *bicycle racks, repair stations and related facilitied*. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill huwa interessat sabiex jieħdu sehem f'din l-iskema u issir fejn l-open gym jew il-ground tal-futbol. |
| 15.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li is-Sur Manuel Dalli talab li jagħmel reċta quddiem is-sala tal-Forti San Mikiel fix-xahar t' Awissu 2025. Il-Kunsill irrid jieħu ħsieb l-palk, sound u siġġijiet. Il-Kunsilliera qablu ma din l-inizjattiv wara is-suċċess li kien hemm waqt il-pegeant tal-Ġimgħa l-Kbira. Għas-sena d-dieħla jekk terġa issir tingħalaq il-mina minn naħa waħda sabiex il-pubblika ma jkunux mifruxa. |
| 15.03.18 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-Ħadd 29 ta' Ġunju 2025 ser issir il-Purċissjoni tar-Redentur u s-servizz tal-linja ser jieqaf fl-4:30pm u s-servizz jerġa jiġi għan normal fid-9:00pm. Il-quddiesa tibda fis-6:00 p.m., |

| | |
|---|---|
| | segwita mill-purċissjoni. Is-Sindku tal-Qala u delegazzjoni mill-Qala, Għawdex, se jkunu mistiedna, peress li se tiġi ċċelebrata l-25 anniversarju mill-wasla tal-istatwa tar-Redentur f'Għawdex |
| 15.03.19 | Is-Sindku flimkien mal-kunsillier jixtiequ li f' laqgħa pubblika jiġi diskuss jekk ix-xatt għandux jerġa jiġi one way. |
| 15.03.20 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera dwar il-każ ta' Smart Road Technologies, fejn il-bollards għadhom mhux qed jaħdmu minħabba inċident li seħħ. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku informaw lill-kunsilliera li l-kuntrattur bagħat il-fattura biex jitħallas. Madankollu, il-kunsilliera qablu unanimament li, peress li l-bollards għadhom ma jaħdmux, il-ħlas m'għandux isir. |
| 15.03.21 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera sabiex is-segretarju eżekuttiv tieħu ħsieb li tibgħat li issir Bye Law dwar is-sala tal-Forti u l-Forti biex tinkera għall-attivitajiet. Ġie diskuss li talba tkun ta' 3500 ewro sala u forti u 500 ewro sala biss, kif ukoll jitħalla depożitu ta' 500ewro, l-attendant u l-cleaner jitħallas mit-3500 ewro u jkun hemm kundizzjonijiet għall-għaqdiet. Min jagħmel użu mill-forti u jagħmel il-kċina barra irrid jagħmel plastic minħabba xi żjut. Din il-Bye Law għandha tinħadem ma l-avukat tal-kunsill. Ġie diskuss ukoll li kif ser jiġi diskuss ma l-avukat il-Bye law tal-Forti San Mikiel jiġi diskuss ukoll sabiex tiġi riveduta il-Bye Law tal-Gardjola u titla għall-1500 ewro u għall-għaqdiet issir 700 euro. |
| 15.03.22 | Is-Sindku għamel referenza għall-konferenza tal-Festival Integrarti, li attendew għaliha s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Viċi Sindku. Skont il-programm, ser tittella' attività taż-żfin mir-Reġjun Port quddiem il-bust ta' J.B. Azzopardi f' Lulju 2025. |
| 15.03.23 | Is-Sindku informa li l-perit tal-gvern ġie jagħmel l-evalwazzjoni tal-garaxx li ser jinxtara mill-kunsill fi Triq San Ġużepp u kif jibgħatilna id-dipartiment tal-finanzi għal-direct order, il-Kunsill ikun jista jifferma l-kuntratt għand in-Nutar Alicia Agius.Kif ukoll li fl-1 ta' Lulju 2025 il-kunsill ser ikollu iċ-ċwievet tat-tlett imħażen fi Pjazza George Mittrovich sabiex jintużaw għall-kultura, arti u sports bħal: kant, żfin , mużika, crafts, artiġjanat, yoga, zumba, gym u aktar. Issir Caffeteria, "souvenirs" u<br>mużew. Isemma wkoll sabiex l-arloġġ jiġu jżuruħ turisti u nies mil-lokal sabiex jaraw kif il-magna ta' l-arloġġ taħdem u informazzjoni dwar dan il-forti u l-wirt kulturali tiegħu. |
| 15.03.24 | Is-Sindku informa lil kunsiliiera li l-hand railing ta wara l-monument tal-gwerra huwa imkisser kollu u id-dipartiment tal-public works avviċina l-kunsill li jista joħroġ fond ta' 5000 ewro iżda il-kumplament jinħareġ mill-Kunsill Lokali. Is-segretarjuj eżekuttiv ġabret kwotazzjonijiet għall-dan il-hand railing u l-ispiża hija ta' madwar 9000 ewro. Il-Kunsilliera preżenti |

| | |
|---|---|
| | qablu li għandu jsir għalhekk is-segretarju għandha tfittex għall-tlett kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv pruvat li iġġib dawn l-ispejjeż minn skema tal-gvern SPI.SCI.08.2025 dwar manutenzjonijiet ta' ġproġetti li saru mill-gvern iżda dawn irridu jkunu għaddew 10 snin minn fuq il-proġett. Dan ix-xogħol kien sar 2016 u għalhekk il-Kunsill tal-Isla fuq dan il-proġett mhux eliġibbli. Il-Kunsilliera iddiskutew sabiex jipruvaw innaqsu l-istima sabiex il-kunsill joħroġ sa 1000 ewro aktar mal-5000 ewro li ser joħroġ il-Public Works. |
| | |
| **15.4** | **Mozzjonijiet** |
| **15.04.01** | Is-Sindku ippropona li fl-iskema b'numru SPI.SCI.07.2025 Il-proġett li qed nipproponu huwa mmirat biex jittejbu l-ispazji miftuħa u l-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-komunità tagħna, bil-għan li nagħtu spinta lill-kwalità tal-ħajja tar-residenti. Nemmnu li spazji pubbliċi miżmuma tajjeb, u żoni rikreattivi aċċessibbli għal kulħadd għandhom impatt pożittiv fuq is-saħħa mentali, il-benesseri fiżiku, u l-koeżjoni soċjali.<br><br>L-għan prinċipali hu li dan l-ispazju jiġi mgħammar b'faċilitajiet bażiċi iżda essenzjali sabiex isir iżjed konduċenti u komdu għall-użu tal-pubbliku. Il-proposta tinkludi:<br>• Installazzjoni ta' bankijiet għall-mistrieħ u l-għaqda soċjali<br>• Installazzjoni ta' dustbins sabiex tiġi żgurata tindif u manutenzjoni xierqa tal-ambjent<br>• Installazzjoni ta' Solar Mobile Charging Points<br><br>Il-proġett huwa maħsub biex jippromwovi stil ta' ħajja b'saħħtu u sostenibbli, filwaqt li jsaħħaħ l-ambjent urban u jħeġġeġ l-użu ta' spazji pubbliċi. Dawn il-faċilitajiet se jinkoraġġixxu aktar żjarat u attività soċjali fl-ispazju, u fl-istess ħin jgħinu fit-tisħiħ tas-sens ta' komunità u l-pride lokali.<br>Il-Kunsillier is-Sur -Malcolm Gatt issekonda u l-kunsilliera is-Sa Joeline Attard ivutat favur. |

| | |
|---|---|
| **15.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 15.05.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien, Joeline Attard, nixtieq nistaqsi jekk intbagħtitx email lil AKL f'isem il-Kunsill tal-Isla li fiha niddikjaraw l-interess tagħna fil-proposta biex il-kontijiet tal-ARMS jitħallsu fl-uffiċċji tal-Kunsill.<br>**Tweġiba:**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li iva, kienet bagħtet email lill-AKL, fejn il-kunsilliera qablu waqt laqgħa nru 12.03.04 li l-Kunsill tal-Isla jirċievi l-ħlasijiet tal-ARMS. Madankollu, il-kunsilliera esprimew ix-xewqa li jirċievu aktar informazzjoni dwar kif se titħaddem is-sistema. |
| 15.05.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq inressaq żewġ ilmenti dwar qtugħ ta' ħaxix u railing fi Triq id-Duluri biex jissoda.<br>Is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-ilmenti tal-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia fejn il-qtugħ tal-ħaxix sar u r-railing għadu ser issir. |
| 15.05.03 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Malolm Gatt nixtieq nerġa inressaq l-ilmenti dwar it-tarġa ta' Triq is-Sur biex terġa issir mil-ġdid u issir hand rail.<br><br>Is-sindku ħa nota ta' dan l-ilment. |
| **15.06** | **Rapporti** |
| 15.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* t' Mejju 2025 u l-*Petty Cash* t' Mejju 2025 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mill-kunsilliera Joeline. |

| | |
|---|---|
| **15.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 15.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 06/2025 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| **15.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 15.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 29 ta' Lulju 2025________

IFFIRMATA____________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_______________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv